**Quddiem l-Arbitru ghas-Servizzi Finanzjarji**

**Kaz Nru. 079/2019**

**OS u EF**

**(l-ilmentatur/i)**

**vs**

**GasanMamo Insurance Limited (C 3143)**

**(il-provditur tas-servizz/l-assikurazzjoni)**

**Seduta tal-15 ta' Dicembru 2020**

L-Arbitru,

Ra l-ilment[1] fejn l-ilmentatur, OS, jghid li l-vettura involuta f'dan l-incident kienet proprjetà tieghu u l-assikurazzjoni irrifjutat li tonora l-*claim* li ghamel ghaliex sostniet li ma kienx minnu li l-karozza setghet tinstaq minn fejn sar l-incident, cioè, mill-Marsa saz-Zurrieq.

Illi s-sewwieq tal-vettura, EF, kien ipprezenta *affidavit* fejn xehed li kien saq il-vettura mill-Marsa ghaz-Zurrieq. Barra minn hekk, il-karozza giet iggaraxxjata f'isem GasanMamo, il-Gzira, u l-i*spare key* u l-*logbook* kienu ukoll ghandhom.

Peress li l-karozza kienet inxurjata *full comprehensive,* l-*insurance* ma kellhiex tirrifjuta l-*claim* ghaliex EF ikkonferma dak kollu li stqarr fir-rapport tal-*claim*. Peress li l-karozza kienet inxurjata b'dan il-mod, l-*insurance* kellha thallas l-ispejjez relatati ma' din il-vettura.

Barra minn hekk, Colin Cassar, ghall-provditur tas-servizz, kien ta struzzjonijiet lis-sid tal-karozza sabiex l-istess karozza tigi garaxxjata ghand GasanMamo u

[1] *A Fol.* 4, 7, 8

offra li jhallas lis-sid tal-karozza s-somma ta' €6,500, kif ukoll li jzomm il-karozza li giet stmata li tiswa (*wreck value*) €1,500 flok €1,800 kif kien stmaha s-*surveyor*.

Illi EF, li kien qed jagixxi ghas-sid, irrifjuta dan l-arrangament u f'isem is-sid talab il-valur kollu tal-karozza u ma riedx li jiehu l-vettura u jitnaqqas l-ammont tar-*wreck*. Meta dan irrifjuta l-offerta tal-assikurazzjoni, Colin Cassar qallu li kien ser ikun hemm problema biex jithallas mill-*insurance*.

Illi s-*surveyor* ta' GasanMamo kien qal li jrid jinbidel il-*windscreen* meta, fil-fatt, dan ma kienx gralu hsara u lanqas kien gie affettwat xi *airbag*.

Illi l-ghan li bniedem jassikura ruhu huwa biex jigi indennizzat meta jgarrab xi incident li jkun imprevedibbli.

Qed jitlob l-ammont tal-valur tal-karozza u, cioè, s-somma ta' €8,000.

**Ra r-risposta** tal-provditur tas-servizz li tghid:

Dan l-ilment jirrigwarda *claim* intavolata mir-rikorrenti OS *qua* assigurat mas-socjetà intimata fit-22 ta' Ottubru 2018 a bazi tal-polza tal-assigurazzjoni fuq il-vettura bin-numru ta' registrazzjoni GBZ 649.

Dan wara illi fil-21 ta' Ottubru 2018, ghall-habta tat-3.00 ta' filghodu ir-rikorrenti EF allegatament tilef il-kontroll tal-vettura tieghu fil-*By-Pass* tal-Hamrun direzzjoni lejn il-Marsa, u baqa' diehel go *crash barrier*.

Il-vettura suriferita garrbet hsarat estensivi u infatti giet dikjarata bhala *total loss* mis-*Surveyor* Joseph Muscat inkarigat mis-socjetà intimata permezz ta' *Survey Report* redatt nhar it-30 ta' Ottubru 2018.

**Mill-ewwel indagini illi saret fuq il-*claim* relattiv, is-socjetà intimata kien dahlilha suspett illi r-rikorrenti ma kinux qeghdin jghidu l-fatti kollha korretti ta' kif effettivament sehh l-incident *de quo* u fil-fatt hija kienet sahansitra talbet spejgazzjoni aktar dettaljata da parti taz-zewg rikorrenti.**

In segwitu ghal tali spjegazzjonijet moghtija miz-zewg ilmentaturi, is-socjetà intimata kienet irrifjutat il-*claim* imressaq maghha u dan stante illi kien irrizulta li kien hemm ksur tat-termini u l-kundizzjonijiet tal-polza tal-assigurazzjoni sejatament izda mhux limitatament habi ta' fatt sostanzjali u/jew nuqqas ta' *uberrimae fides* da parti tar-rikorrenti OS *qua* assigurat u EF *qua* xufier tal-vettura meta sehh l-incident *de quo.* Dan kollu kien gie trasmess liz-zewg ilmentaturi permezz ta' ittra ufficjali datata 20 ta' Gunju 2019.

L-esponenti teccepixxi s-segwenti:-

**A. <u>KWISTJONI PRELIMINARI – *LOCUS STANDI* DA PARTI TAL-ILMENTATUR EF</u>**

Preliminarjament, is-socjetà esponenti teccepixxi illi l-ilmentatur EF ma ghandux *locus standi* sabiex jirreklama ebda danni allegatament subiti fil-vettura bin-numru ta' registrazzjoni GBZ 649 u dana stante illi huwa ma huwiex il-proprjetarju tal-istess vettura. Dawn il-proceduri jemanu minn relazzjoni kuntrattwali bejn s-socjetà esponenti u l-assigurat taghha illi f'dan il-kaz huwa l-ilmentatur OS u, ghaldaqstant, l-istess socjetà esponenti ma ghandha l-ebda relazzjoni guridika mar-rikorrenti EF illi dakinhar tal-akkadut kien allegatament qieghed isuq il-vettura suriferita.

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet suesposti, l-ilment imressaq minn EF ma ghandux jigi ikkunsidrat mill-Arbitru.

**B. <u>KWISTJONI FIL-MERTU</u>**

L-esponenti tghaddi issa biex tirrileva s-segwenti dwar il-mertu tal-ilment imressaq:-

In segwitu ghall-*claim* imressaq mir-rikorrenti OS mas-socjetà esponenti wara l-incident awtomobilistiku illi sehh fil-21 ta' Ottubru 2018, l-esponenti kienet inkarigat lis-Surveyor Joseph Muscat sabiex jirredigi *Survey Report* fuq il-vettura appartenenti lir-rikorrenti OS u dana stante illi din il-vettura kienet assigurata mas-socjetà esponenti fuq bazi *Comprehensive.* Dan is-*survey* kien sar nhar it-30 ta' Ottubru 2018 (kopja ta' liema rapport qieghed jigi hawn anness u mmarkat bhala Dok. GM11).

Is-socjetà esponenti kienet irceviet kopja tar-rapport suriferit nhar is-7 ta' Novembru 2018, u minn dan ir-rapport irrizulta illi l-vettura assigurata mas-socjetà esponenti sofriet danni sostanzjali in segwitu ghall-impatt tant illi giet dikjarata bhala *Total Loss* mis-*Surveyor* Joseph Muscat. Punt important illi rrizulta minn dan is-*Survey Report* kien li d-danni subiti fuq il-vettura kienu tali illi jrendu l-istess vettura impossibbli illi tigi misjuqa u dan hekk kif ser jigi debitament ippruvat tul l-andament ta' dawn il-proceduri.

Sussegwentement, fit-12 ta' Novembru 2018, is-socjetà esponenti kienet inghatat kopja tar-Rapport tal-Pulizija in konnessjoni mal-incident *de quo.* Minn dan ir-Rapport irrizulta illi l-vettura in kwistjoni ma gietx ittowjata izda giet misjuqa mill-post tal-akkadut u, cioè, mil-lokalità tal-Hamrun sar-residenza tax-xufier, EF, illi tinsab iz-Zurrieq (kopja ta' liema rapport qieghed jigi hawn anness u mmarkat bhala Dok. GM12).

In segwitu ghal tali dikjarazzjoni da parti tax-xufier, EF, is-socjetà esponenti hasset il-bzonn illi titlob stqarrija aktar dettaljata ta' kif effettivament sehh l-akkadut minghand ix-xufier EF. Fil-fatt, f'Dicembru tas-sena 2018, rapprezentanti tas-socjetà esponenti kienu tkellmu mas-Sur EF fejn intalab jaghti dikjarazzjoni dettaljata ta' kif sehh l-akkadut.

Sussegwentement u, cioè, ftit zmien wara din il-laqgha, is-socjetà esponenti kienet inkarigat lil *surveyor* iehor indipendenti u, cioè, is-Sur Natalino Agius sabiex jispezzjona l-vettura in kwistjoni u jirredigi rapport bil-konkluzjonijiet tieghu (kopa ta' liema rapport qieghed jigi hawn anness u mmarkat bhala Dok. GM13).

Mir-rapport tas-Sur Agius **<u>irrizulta car daqs il-kristall illi kien impossibbli li l-vettura assigurata mas-socjetà esponenti setghet tigi misjuqa wara l-impatt ghal daqshekk tul ta' distanza.</u>**

Ghal kull buon fini s-socjetà esponenti tirrileva illi ghall-kuntrarju ta' dak dikjarat fl-ilment tar-rikorrenti, l-istess socjetà esponenti qatt ma ghamlet xi tip ta' offerta hekk kif qieghed jigi allokat mir-rikorrenti u dan kif ser jirrizulta tul l-andament ta' dawn il-proceduri.

Ghaldaqstant, in segwitu ghall-konkluzjonijiet sottomessi f'tali rapport, is-socjetà esponenti kienet waslet ghall-konkluzjoni illi tirrifjuta l-*claim* imressqa mill-assigurat, OS, u dan in vista ta' ksur tat-termini u l-kundizzjonijiet tal-polza tal-assigurazzjoni senjatament izda mhux limitatament habi ta' fatt sostanzjali u/jew nuqqas ta' *uberrimae fides* illi fuqu huwa msejjes il-kuntratt ta' assigurazzjoni kemm da parti tal-assigurat, OS, u kif ukoll da parti tax-xufier EF.

Dan ifisser illi ladarba l-ilmentaturi naqsu milli jinformaw lill-esponenti bil-verzjoni tal-fatti korretta, u hbew dawn il-fatti tant importanti, is-socjetà esponenti kienet gustifikata illi rrifjutat tali *claim* u, ghaldaqstant, l-esponenti ma tistax tigi obbligata li taghmel tajjeb ghad-danni pretizi mill-ilmentaturi.

Ghaldaqstant, l-esponenti tinsisti illi l-ilment *de quo* huwa ghal kollox nieqes minn kull bazi legali u infondat fil-fatti u fid-dritt. B'hekk, jigi umilment sottomess illi l-ilment ghandu jigi michud, b'dan illi fil-kunsiderazzjonijiet tieghu *ai termini* tal-Artikolu 26(3)(d) tal-Kap. 555, l-abbli Arbitru ghandu jiddikjara li l-ispejjez kollha relatati ma' dawn il-proceduri ghandhom jigu sopportati unikament mill-ilmentaturi.

**Sema' lill-partijiet u lix-xhieda migjuba minnhom,**

**Ra l-atti kollha tal-kaz**

**Jikkonsidra**

*Eccezzjoni preliminari*

Il-provditur tas-servizz qajjem l-eccezzjoni li EF ma kellu l-ebda *locus standi* sabiex jirreklama ebda danni allegatament ikkagunati fil-vettura bin-numru ta' registrazzjoni GBZ 649, u dana peress li huwa m'huwiex il-proprjetarju tal-istess vettura. Il-provditur tas-servizz ma kellu l-ebda rabta kuntrattwali mieghu izda

kellu biss rabta kuntrattwali ma' OS li huwa l-assikurat taghha u, ghalhekk, l-ilment ta' EF ma kellux jitqies mill-Arbitru.

Mill-atti tal-kaz jirrizulta car li l-proprjetarju tal-vettura kien OS u kien hu l-assikurat u l-proprjetarju tal-vettura. Galadarba ma kien hemm l-ebda rabta kuntrattwali bejn EF u l-provditur tas-servizz, l-Arbitru qed jilqa' din l-eccezzjoni u jiddikjara li ser iqis l-ilment fil-konfront biss ta' OS.

**Fil-Mertu**

**L-Arbitru jrid iqis u jiddeciedi l-ilment skont dak li, fil-fehma tieghu, huwa gust, ekwu u ragonevoli fic-cirkostanzi partikolari u merti sostantivi tal-kaz.[2]**

Dan il-kaz huwa essenzjalment dwar hsarat fil-vettura ta' OS li ghandha n-numru ta' registrazzjoni GBZ 649, u r-rifjut tal-provditur tas-servizz li jhallas id-danni sofferti mill-istess ilmentatur.

Il-provditur tas-servizz sostna kemm fl-itttra ufficjali tieghu,[3] kif ukoll fir-risposta, li kien irrifjuta l-*claim* peress li l-ilmentatur kien kiser it-termini tal-polza billi heba fatti sostanzjali u/jew kien hemm nuqqas ta' *uberrima fides* kemm min-naha ta' OS bhala assikurat u kemm bhala EF bhala xufier.

Qabel xejn, peress li l-Arbitru iddecieda l-eccezzjoni preliminari fil-konfront ta' EF li dan m'ghandux *locus standi* fil-kaz, ser iqis lil EF biss bhala xhud u, ghalhekk, l-eccezzjoni fil-mertu tal-provditur tas-servizz hija irrelevanti fil-konfront tieghu.

Sabiex l-Arbitru jkun jista' jasal ghal decizjoni li tkun gusta, ekwa u ragonevoli jrid iqis il-verzjoni tal-partijiet, id-dokumenti esebiti u l-fatti u c-cirkostanzi partikolari tal-kaz.

***Il-Verzjoni tal-Ilmentatur[4]***

EF xehed li hu kellu bzonn il-karozza ta' OS u talbu permess biex juzaha miz-Zurrieq ghal San Giljan u lura. Kien ipparkja l-karozza San Giljan u wara li qeda r-raguni familjari li kellu, ghall-habta tas-2.00 a.m., kif kien niezel it-triq tal-Marsa

[2] Kap. 555, Art. 19(3)(b)
[3] *A Fol.* 14
[4] Peress li EF m'ghandux *locus standi,* meta l-Arbitru jirreferi ghall-*'ilmentatur'* ikun qed jirreferi ghall-assikurat OS

fejn kien hemm il-fabbrika tal-*Pepsi* li fiha l-*barriers* fuq iz-zewg nahat, xi hadd kien diehel go fih mill-genb u l-karozza tieghu skidjat '*u dort u spiccajt fil-barrier wara li hbatt mall-barrier opposta'.*[5]

Jghid li hu qatt ma seta' laqat karozzi ohra ghaliex kien ghaddej minn fuq il-*bridge* u l-karozzi jkunu ferm 'l isfel u, allura, ma setax laqat karozzi ohra.

Jghid li l-karozza mertu tal-kaz garrbet hsarat fuq il-gnub u fuq quddiem.

'*Nghid li l-karozza setghet timxi tant li jien tlajt biha z-Zurrieq. Jien dak il-hin il-karozza ma qghadtx nifliha u rajtha qisha normali fis-sens li stajt insuqha. Jien inzilt u rajt daqqa normali. Tlaqt lejn id-dar u l-karozza dahhaltha fil-garaxx.'*[6]

Zied jghid:

'*Filghodu infurmajt lil Raymond x'kien gara, u sadanittant, cemplulu mill-Ghassa tal-Pulizija tal-Marsa.*

*Jien mort ukoll l-Ghassa tal-Pulizija u l-pulizija qalli, "Imma darb'ohra ejja ... ", u jien ghidtlu peress li ma wegga' hadd u ma lqatt lil hadd, ma mortx l-ghassa. Nghid li jien kont ghadni kif smajt Spettur tal-Pulizija jitkellem fuq ir-radju fejn qal li sakemm ma tweggghux intom u ma tweggghu lil hadd u ma taghmlux hsara lil haddiehor, allura, jien ma mortx l-ghassa tal-pulizija. Dak il-hin ma gieni l-ebda hsieb.'*[7]

In kontroezami jghid li ma jafx jekk it-*tyre* kienx maqsum imma l-karozza seta' jsuqha ghaliex fanal minnhom baqa' jixghel u seta' jara jsuq. Saq bil-mod ghax ma kellux ghaggla biex jasal u, peress li ma kienx hemm traffiku, dam biex wasal xi 20 minuta. Saq bil-mod biex jekk kien hemm xi hsara ma tkomplix tizdied. Huwa ma kienx xorob alkohol jew ha xi sustanza ohra.

**OS** xehed[8] illi:

Fil 21 t'Ottubru 2018, ghall-habta tas-7.30 a.m., qajjmitu l-mara u qaltlu li missierha u, cioè, EF ried ikellmu. Qallu li kellu incident bil-karozza li kien silfu li

---

[5] *A Fol.* 90A
[6] *Ibid.*
[7] *A Fol.* 91
[8] *A Fol.* 92 et seq

kienet *Alfa Gulietta* u fil-mument li kien sejjer jara l-karozza cemplulu mill-ghassa tal-Marsa fejn qalulu li sabu n-*number plate* tal-karozza tieghu u xtaqu jkellmuh.

*'Nghid li ahna konna digà tkellimna u ftiehmna biex immorru l-ghassa tal-pulizija, ghax Louis lanqas kien jaf li biex jien inkun nista' naghmel claim irrid ikolli r-rapport tal-pulizija. Nghid li l-pulizija qalilna li bil-frak tal-karozza, u jista' jkun anke bin-number plate, karozza ohra garrbet xi hsara fil-mera taghha. Din il-karozza kienet taht it-triq u ma kinetx tidher mit-triq.*

*Louis ta lill-pulizija l-verzjoni tieghu ta' kif sar l-incident; u jien, xi jumejn wara, mort niftah il-claim tieghi mal-Island Insurance Brokers, il-brokers tieghi. Jien ovvjament ma stajt nghid xejn ghax Louis kien involut fl-incident, u Louis qal lill-broker x'kien gralu.*

*Jien kont infurmajt lill-pulizija li konna ftahna l-claim ghax huma kellhom ilment minn min allegatament intlaqat minn xi frak tal-karozza taghna.'*[9]

Jghid li hu kien qed jittratta l-*claim* mal-broker tieghu, *Island Insurance Brokers,* izda f'Dicembru 2018, GasanMamo infurmawh li riedu jkellmuh u hu u EF marru l-Gzira fejn tkellmu ma' Colin Cassar u rapprezentant iehor tal-provditur tas-servizz.

Is-*surveyors* tal-*insurance* kienu marru darbtejn jaraw il-karozza u Colin Cassar qal li kien jaraha difficli li l-karozza tinstaq mill-Marsa ghaz-Zurrieq ghaliex hekk kien qal is-*surveyor* taghhom:

'*Qalilna biex EF imur jaghmel affidavit u qallu li fl-affidavit irid jghid li ma kienx taht l-effett tal-alcohol u li saq il-karozza mill-Marsa By-Pass saz-Zurrieq. Fil-fatt, Louis hekk ghamel.*

*Is-Sur Colin Cassar qalilna li r-wreck value kien ta' €1,800, skont kif iccertifikat mis-surveyor taghhom; però, hu kien lest li jekk inzommu r-wreck ahna jaghtina €6,500. Il-karozza kienet assigurata fuq valur ta' €8,000. Qalilna wkoll li jekk ma konniex ser inzommu r-wreck ahna, ridna niggaraxxjaw il-vettura fuq GasanMamo Garage Gzira, u naghtuh il-logbook flimkien mal-ispare key'.*[10]

[9] *A Fol.* 92
[10] *Ibid.*

Meta l-ghada baghat lil EF ghand l-*insurance* biex jaghtihom il-*logbook* u l-i*spare key,* Colin Cassar accetta l-*logbook* u l-i*spare key* u staqsih: '*Mela mhux ser izzommuha r-wreck?'* Meta Louis qallu li r-*wreck* ma kinux ser izommuha, Colin Cassar qallu li jaf kien ser ikun hemm problema biex jissetiljaw il-*claim*. Il-*logbook* u l-i*spare key* kien ghadhom ghand GasanMamo. Hu ircieva li l-*insurance* ma kinetx se tonora l-*claim* f'Gunju 2019 wara li kien baghtilhom ittra ufficjali ghaliex l-ittra bonarja ma kinux irrispondewha.

L-i*sprayer,* Paul Mallia, ghamel dikjarazzjoni li l-karozza setghet tinstaq (DOK RC1). Imbaghad, l-ilmentatur qabbad lill-espert mekkaniku, Jonathan Micallef, li ghamillu rapport li, skont il-fehma tieghu, il-karozza setghet tinstaq kif jidher mir-rapport DOK RC2.

L-ilmentatur ikkonferma li l-karozza kellha hsarat konsiderevoli. Fl-ewwel *survey* tal-*insurance* (DOK GMI 1), Joseph Muscat, imqabbad mill-*insurance,* kien qal li l-*windscreen* kellu jinbidel meta dan ma gralux hsara u lanqas l-*airbags* ma kinux infethu.

Izid li huma ma kellhomx x'jirbhu billi jghidu li l-karozza kienet instaqet. Colin Cassar kien qalilhom li kieku qalu li l-karozza kienet giet ittowjata ma kienx ikun hemm problema.

Mistoqsi jekk kienx jaf li l-karozza kienet ghadha fuq ismu jghid li l-karozza kienet iggaraxxjata ghand GasanMamo li kellhom ukoll il-*logbook* tal-karozza. Ma kienx jaf li kienet ghadha registrata f'ismu.

**Paul Mallia** imressaq mill-ilmentatur xehed illi:

Hu kien *sprayer* u tellar u kien jahdem f'*Paul's Garage* tal-Handaq. Jghid li l-garaxx tieghu qieghed fuq zewg sulari u, allura, karozza bilfors trid tkun tista' tinstaq biex jaccetta li jahdem fuqha.

Jghid li t-*tow truck* ma jitlax fuq, u l-ilmentaturi hadu l-karozza ghandu bit-*tow truck* isfel u hu saqha u tellaghha fuq. Wera lill-Arbitru u lill-partijiet ritratti ta' kif inhu mqassam il-*workshop* tieghu, u xehed kif hu saq il-karozza in kwistjoni. Jghid li ghandu rampa ohra ghal fuq il-bejt fejn ghandu l-*parking.*

Esebixxa r-ritratti li ha hu stess li huma mmarkati AB minn wiehed sa tmienja.

Semma diversi hsarat li kellha l-karozza, però, hu insista li l-karozza setghet tinstaq u fil-fatt hu saqha.

In kontroezami x-xhud jghid li r-*radiator* kellu daqqa u ma kienx mifqugh. Ir-*radiator* ma kellux *coolant* imma ma kienx vojt u kien fih l-ilma. Hu jghid li saq il-karozza ghal tliet sulari. Dan jidher ukoll mir-ritratti.

**Jonathan Micallef** xehed[11] illi kien qed jikkonferma DOK RC2 li huwa kien ghamel fid-9 ta' Jannar 2020. Huwa mar jara l-karozza ghand *Paul's Garage* li kienet fuq is-saqaf biex jara l-hsarat li kellha. Xogholu huwa ta' *mechanic.* Ra daqqa fuq ir-rota ta' wara, fuq ir-*right.* Id-daqqa kienet ezatt fuq ir-rota, fuq ir-*rim* u fuq ir-*radiator* li kien mibrum u kien qed jillikja ftit.

'*Hu kellu toqba zghira, però, kellu harira ilma jigifieri mhux vojt vojt. '*

Jghid li r-rota kienet mghawga imma xorta wahda l-karozza setghet tinstaq minghajr konsegwenzi serji fuq il-karozza.

Fil-kontroezami jghid li hu kien ilu *mechanic* ghal 20 sena.

Jghid ukoll li:

'*Bir-rota mghawga kif inhi, l-karozza setghet timxi massimu ta' 10 km/hr; bil-mod tista' timxi kemm trid il-karozza. Bejn 5 u 10 kilometers setghet tinstaq il-karozza.*

*Ir-radiator kellu daqqa fuqu, kellu toqba u kellu leakage zghir. Fuq il-post kien jidher li ma kellux daqshekk danni.'*

Wara jghid li meta rah imwahhal ma kinux jidhru hafna danni fih izda meta inqala' deher differenti, fis-sens, li deher li kellu hsarat estensivi.

### *Il-Verzjoni tal-Provditur tas-Servizz*

Il-provditur tas-servizz ressaq bhala xhieda lil Natalino Agius u Colin Cassar.

---

11 *A Fol.* 112 et seq

**Natalino Agius** xehed[12] li kien qed jikkonferma DOK GMI 3, ipprezentat mar-risposta. Hu ilu jassessja l-hsarat tal-karozzi ghal 29 sena u gie mqabbad mill-provditur tas-servizz biex jaghmel spezzjoni fuq il-karozza in kwistjoni u, apparti jara xi hsara kellha, kellu jaccenna ghall-fatt jekk il-karozza setghetx tinstaq u, jekk setghet tinstaq, ghal kemm distanza.

Il-hsarat kienu fuq quddiem u fuq in-naha tal-lemin ta' wara; ir-rota hadet daqqa estensiva tant li ghandha bicca mir-*rim* imqaccat u bicca mit-*tyre* imqaccat ukoll. Bid-daqqa r-rota tqactitilha *arm*. Ra l-vettura ghand Paul Mallia u jidher li l-vettura kienu saquha xi ftit *for loading and unloading purposes,* jigifieri, distanza qasira.

'*Saquha xi ftit u tant resqet lura r-rota illi hemm cirku li juri li kienet il-bumper, jigifieri li din kienet qed tispostja ruhha meta kienet qed timxi 'l quddiem u peress li kellha arm imqaccta r-rota tmur lura.*

*Xi haga fuq ir-rota li turi li ma nstaqitx fit-tul, meta tyre jigi deflated, u inti ssuq fuqu, ir-rim iqatta' t-tyre ghax it-tyre jigi catt mal-art, ir-rim jghaffeg it-tyre u t-tyre jitqatta'. Meta jinstaq fit-tul litteralment johrog it-tyre minn gor-rim. Nghid li minn dawn is-sinjali ma kien hemm xejn. Mir-ritratti, t-tyre jidher intatt.'*[13]

Izid jghid li l-karozza, jekk kellha tinstaq, kellha tinstaq bil-mod hafna u ghalhekk fuq il-*gears first* jew *second* u peress li fuq dawn il-*gears* il-makna tishon hafna ma hemmx cans li l-karozza tinstaq fit-tul ghaliex inkella l-makna tissizja. Ma jistax ikun li x-xufier saq il-karozza mill-Marsa saz-Zurrieq bla *radiator*. Il-makna jkollha bzonn l-ilma inkella tissizja.

*'Il-konkluzjoni hi li r-rota hija mqaccta u ssettjata vera lura u bir-radiator mghaffeg kif inhu u litteralment imtaqqab, il-karozza qatt ma setghet tinstaq kilometri, m'hemmx cans. Tinsaq biss, kif ghidt, ghal loading and unloading.*

*Il-karozza setghet tinstaq minn isfel ghal fuq minghajr radiator fil-premises tas-Sur Paul Mallia ghax it-temperatura ma tkunx lahqet li suppost u gieli jkollna karozzi kwazi fuq tliet roti; ghax din il-karozza hija front wheel drive - allura quddiem jigbed u anke jekk ma jkollokx rota wara wkoll titkaxkar. Imma ma jfissirx li tmur tulijiet biha din. Once the engine reaches the desired temperature,*

[12] *A Fol.* 113-115
[13] *A Fol.* 113

*li din reaches the desired temperature very quickly ghax bla ilma, that's it – il-karozza tieqaf.'*[14]

Waqt il-kontroezami qal li r-rapport DOK GMI 3 sar fil-21 ta' Dicembru 2017, u ritratti juru Dicembru 2018 ghaliex kellu difett fil-*camera* li tiehu r-ritratti tajjeb imma ggib zball fid-data. Ir-ritratt f'pagna 6 huwa stampa biex min jaqra r-rapport jifhem xi jkun qed jghid. Ir-ritratti li jirreferu ghall-karozza *de quo* huma sa pagna 5 tar-rapport. Fir-rapport hemm kemm il-lingwagg tieghu u meta jaghti ezempji ha mill-*Automotive Industry.* Bhala kliemu, hemm 60% u l-kumplament huwa illustrazzjonijiet mill-*Automotive Industry.*

Bhala fatt, hadd ma jista' jmieri li t-toqba tat-*tyre* mhix bi dritt it-toqba tar-*rim*, u li normalment meta ssuq fuq it-*tyre* ir-*rim* idur. Jerga' jikkonferma li biex il-karozza setghet tinstaq il-kilometri ried ikollha l-*cooling system,* li ma kellhiex.

**Colin Cassar, rapprezentant tal-provditur tas-servizz, xehed**[15] illi l-karozza in kwistjoni kienet *Alfa Gulietta* bin-numru GBZ-649.

Huma hatru *surveyor* biex jara l-vettura u meta raw dan ir-rapport baghtu ghad-*driver* biex jiehdu l-verzjoni tieghu kif sehh l-incident. Riedu jikkonfermaw kif gara l-incident u jekk kienx jaqbel mal-*claim form*. Il-*version of events* haduha minghand id-*driver* u l-assikurat fl-4 ta' Dicembru 2018.

Jghid li l-kaz sehh il-Marsa u l-pulizija kienu cemplu lil sid il-vettura ghaliex kienu sabu n-*number plate* magenb karozza ipparkjata li kienet ta' terza persuna. Huwa qal lil EF li mir-ritratti li kien ha s-*surveyor* kienet tidher is-*suspension arm* miksura fuq ir-rota tan-naha ta' wara, u quddiem kien hemm hsara estensiva. EF baqa jinsisti li l-karozza kien saqha dik id-distanza mill-Marsa saz-Zurrieq.

Ikkonfermalu li ma kienx xorob *alcohol* u kien gej minn San Giljan fis-2.00 a.m. Din il-vettura kien saqha xi darbtejn ghaliex hu kellu l-karozza tieghu Mercedes. Il-karozza qieghda fil-garaxx tal-*policyholder* li hu OS.

Peress li deherlu li EF ma kienx qed jghid is-sewwa, baghtu jaghmel *affidavit*, li dan ghamlu u hadulu fl-20 ta' Dicembru 2018. Tahom ukoll il-*logbook* u l-i*spare key* tal-vettura.

---

[14] *A Fol.* 114
[15] *A Fol.* 116-119

Huma deherilhom li dik ma kinetx il-verità kollha u, ghalhekk, qabbdu *surveyor* iehor biex jikkonfermalhom li kienu fis-sewwa li jirrifjutaw il-*claim*. Iz-zewg rapport, kemm ta' Joseph Muscat u kemm ta' Natalino Agius, qablu li l-karozza ma setghetx tinstaq fit-tul bir-*radiator* mifqugh u bis-*suspension arm* tat-*tyre* miksura.

Izid jghid:

'*Hemm termini u kundizzjonijiet fuq il-polza fejn meta m'ghandekx il-fatti ezatti, il-claim ma tigix onorata. Hemm kundizzjoni fil-polza li tghid li jekk tahbat u twegga' lil xi hadd, iccempel lill-pulizija u jekk ghamilt xi danni ccempel lill-ufficcju tal-wardens biex jigu fuq il-post biex jirrapportaw l-incident mhux issuq mill-post – hit and run. Il-karozza hija assikurata ma' GasanMamo Insurance, mela ahna responsabbli; il-karozza ma kinitx in a road worthy condition li tinstaq mill-Hamrun saz-Zurrieq, u r-riskju nerfghuh ahna mhux is-sinjur.'*[16]

Waqt il-kontroezami ikkonferma li l-vettura kienet inxurjata *fully comprehensive,* u x-xhud spjega li dan ifisser li tkun kopert ghad-dannu tal-vettura tieghek, hruq u serq u dannu ta' terzi. Dak il-hin tal-habta, l-karozza kienet inxurjata b'dan il-mod. Jghid li l-kundizzjoni tal-polza li nkisret kienet li ghax ma waqfux fuq il-post, ma rrapportawx l-incident u, li ma kienx ghat-terza persuna, ma kienx jigi irrapportat l-incident.

Jikkonferma li:

*'Qed jinghad li kont offrejtilhom zewg ghazliet u kont offrejtilhom €6,500 fi flus kontanti, nghid li meta tkellimna il-version of events ittiehdet minghajr pregudizzju, u naghmluha cara, li jekk il-klijent jistaqsi x'se jsir mill-vettura, iva jien ikolli s-Survey Report quddiemi, u jekk id-decizjoni ser tittiehed mill-kumpanija li ser nonoraw il-claim, iva, niddiskutu l-valur. Niddiskutu s-settlement terms mal-klijent taghna.*

*Mistoqsi jien x'ghidt lill-klijenti li kellimthom minghajr pregudizzju, nghid li huwa l-protocol, dejjem naghmluha li jekk naslu nhallsu u jekk ma naslux ma nhallsux.'*[17]

---

[16] *A Fol.* 117
[17] *A Fol.* 118

Jichad li saret xi offerta sussegwenti u jghid li kien kaz ta' *hit and run* ghaliex it-terza persuna kienet qalet li kienet sabet in-*number plate* hdejn il-vettura taghha u '*jahseb li din kienet il-vettura li kkagunatlu l-hsara ghaliex sabet in-number plate hdejn il-karozza tieghu'*, u peress li l-*Alfa Gulietta* ma kinetx fuq il-post, allura, dan jammonta ghal *hit and run*.

Jikkonferma wkoll li l-*logbook* u l-i*spare key* kienu ghand l-*insurance*. Filwaqt li jghid li dawn jista' jehodhom l-assikurat, jispjega li qatt ma kienu qalulu biex imur ghalihom. Il-*logbook* ghadu jghajjat lil OS.

***Konsiderazzjonijiet ohra***

Il-bazi tar-rifjut tal-*claim* mill-provditur tas-servizz hija li l-ilmentatur u d-*driver* li kien qed isuq il-vettura tieghu ma kinux qalulhom il-fatti ezatti ta' kif sehh l-incident, u dan kien jammonta ghall-ksur tal-kundizzjoni tal-polza.

Fil-fatt, fir-risposta, l-provditur tas-servizz jghid bi kliem skuri illi:

'***Mill-ewwel indagni illi saret fuq il-claim relattiv, is-socjetà intimata kien dahlilha suspett illi r-rikorrenti ma kinux qed jghidu l-fatti kollha korretti ta' kif effettivament sehh l-incident de quo …***

***In segwitu ghal tali spjegazzjonijiet moghtija miz-zewg ilmentaturi, is-socjetà intimata kienet irrifjutat il-claim … u dana stante illi kien irrizulta li kien hemm ksur tat-termini u l-kundizzjonijiet tal-polza tal-assikurazzjoni senjatament izda mhux limitatment ghall-habi ta' fatt sostanzjali u/jew nuqqas ta' uberrimae fides da parti tar-rikorrenti OS qua assikurat u EF qua xufier tal-vettura ...'***[18]

Ghalhekk, ir-ragunijiet huma *'il-habi ta' fatt sostanzjali u/jew nuqqas ta' uberrima fides'.*

*'Il-Habi ta' fatti sostanzjali/Uberrima fides'*

L-Arbitru jinnota li fir-risposta tieghu il-provditur tas-servizz, filwaqt li jghid li kienu inkisru t-termini tal-polza f'dan ir-rigward, imkien ma jikkwota liema huma dawn it-termini tal-polza b'mod specifiku.

[18] *A Fol.* 42

Fin-nota ta' sottomissjonijiet, l-eqreb li jasal hu li jikkwota x-xhieda ta' Colin Cassar fejn jghid li l-polza inkisret '*ghaliex hemm kundizzjoni li tghid li jekk tahbat u twegga' lil xi hadd iccempel lill-pulizija u jekk ghamilt xi danni iccempel lil wardens biex jigu fuq il-post u jaghmlu r-rapport u mhux titlaq mill-post'*.

Però, l-istess xhud ma jghidx liema hi din il-kundizzjoni specifika fil-polza u fl-istess nota ta' sottomissjonijiet, il-provditur jghid li din il-kundizzjoni qieghda '*f'pagna 1 u 2 tal-istess polza'*.[19]

L-Arbitru ra dawn il-pagni tal-polza li, fil-fehma tieghu, huma aktar forma ta' *'guidelines'* milli kundizzjonijiet specifici li jistghu iwasslu biex l-assikurazzjoni tiddikjara li l-polza hija nulla u, ghalhekk, ma thallasx il-*claim*. Fil-fatt, l-istess polza fiha diversi sezzjonijiet ohra specifici li jaghmluha cara liema huma dawk il-kudizzjonijiet fejn l-assikurat jista' jitqies li ma jkunx kopert. Però, mhuwiex il-kaz fl-ewwel zewg faccati tal-polza li qed jindika l-provditur tas-servizz.

L-Arbitru jinnota wkoll li l-provditur tas-servizz kien generiku fil-kwotazzjoni tal-polza mhux biss fl-ittra ufficjali, fir-risposta, imma anke fin-nota ta' sottomissjonijiet fejn ghall-ewwel darba jissemmew '*pagna 1 u 2 tal-polza'* minghajr ebda referenza specifika ghal liema kundizzjonijiet kienet qed issir referenza.

Dwar dan il-punt issir referenza aktar tard f'din id-decizjoni.

Izda, bhala fatt, il-provditur tas-servizz jghid li l-habi ta' fatti kien jikkonsisti fil-fatt li x-xufier involut u l-ilmentatur qalu li x-xufier kien saq il-karozza mill-Marsa saz-Zurrieq, u l-kumpanija assikuratrici tghid li dan ma setax ikun ghax il-hsarat kienu tali li l-karozza ma setghetx tinstaq fit-tul.

Dwar dan l-Arbitru ghandu provi opposti. L-ilmentatur ipprezenta certifikat minn espert mekkaniku li qal li l-karozza setghet tinstaq,[20] u xehed l-i*sprayer* li wera ritratti tal-karozza fit-tielet sular tal-garaxx tieghu u qal li l-karozza setghet tinstaq, fejn, sahansitra hu stess tellaghha tliet sulari billi saqha. Iz-zewg xhieda tal-ilmentatur xehedu li l-karozza setghet tinstaq.

[19] *A Fol.* 199
[20] *A Fol.* 96

Min-naha tieghu, il-provditur tas-servizz ipprezenta zewg rapporti minn nies teknici wkoll li qalu li l-karozza setghet tinstaq ghal ftit metri imma mhux ghad-distanza bejn il-Marsa u z-Zurrieq.

L-Arbitru mhux f'qaghda li jghid liema hi l-verzjoni korretta ghaliex iz-zewg verzjonijiet fihom il-limitazzjonijiet taghhom, huma verzjonijiet *ex parte* u, ghalhekk, l-Arbitru mhux marbut bihom.

Però, jekk l-Arbitru kellu jiehu l-ipotesi tal-assikurazzjoni li l-karozza ma setghetx tinstaq u, allura, x-xufier tal-karozza u l-assikurat ma qalux il-verità kollha f'dan ir-rigward, irid jara jekk l-assikurazzjoni hix gustifikata tannulla l-polza u ma thallasx il-*claim* a bazi ta' din l-ipotesi. Iridu jitqiesu wkoll il-fatti partikolari ta' dan il-kaz.

**Il-Kuntest Guridiku**

Kapitlu 403 tal-Ligijiet ta' Malta jiddefinixxi kuntratt ta' assikurazzjoni bhala:

*'ftehim fejn assiguratur jiftiehem, b'korrispettiv, li jhallas lill-assigurat jew akkont tieghu somma ta' flus jew hlas iehor sew jekk bhala indenizz kontra telf, hsara, danni, xi responsabbiltà jew xort'ohra, meta tigri grajja specifikata li dwarha jkun hemm element ta' incertezza dwar meta ser tigri jew jekk tigrix'.*

Ghalhekk jidher car mit-test tal-ligi li dan huwa kuntratt fejn fuq naha wahda l-assigurat irid ihallas il-*premium* u jassikura ruhu ghal xi riskju imprevedibbli u, min-naha l-ohra, l-assiguratur ikun obbligat li jhallas ghal dan it-telf dejjem skont il-ftehim specifiku li jkun sar u t-tip ta' polza li tkun ittiehdet mill-assigurat.

Ghalhekk dan il-kuntratt huwa bbazat fuq ir-riskju li jkun incert. Matul iz-zmien, il-kuntratt ta' assikurazzjoni zviluppa u n-negozju tal-assigurazzjoni sar aktar sofistikat u hafna drabi jiddependi fuq il-polza li tkun harget li normalment huwa kuntratt ta' adizzjoni ippreparat kollu kemm hu mill-assiguratur u accettat mill-assigurat.

Gie dejjem ritenut li dan il-kuntratt jiddependi fuq *buona fede* gholja bejn il-partijiet (***Uberrimae fidae* jew *Utmost Good Faith***) u tradizzjonalment tqis li, filwaqt li l-assigurat ghand obbligu shih li jaghti d-dettalji kollha u l-informazzjoni li jaf filwaqt li jkun qed jixtri l-polza, min-naha l-ohra, l-assiguratur jobbliga ruhu li jindennizza lill-assigurat jekk isehh ir-riskju li jkun gie inxurjat.

Peress li s'issa f'Malta ghad m'ghandniex ligi sostantiva li tikkoncerna l-kuntratt *per se* ta' assigurazzjoni, u l-ligi taghna hija ffukata aktar fuq aspetti regolatorji, allura, l-Qrati taghna dejjem imxew fuq id-decizjonijiet tal-Qrati Inglizi fejn tidhol l-interpretazzjoni ta' *uberrima fides* u anke fuq x'jikkonsisti '*disclosure of material facts*'.

B'mod generali, dan il-principju ta' '*disclosure*' min-naha tal-assigurat dejjem tqies li japplika ghal waqt li jkun qed isir il-kuntratt ghaliex tqies li r-riskju li tkun qed tiehu l-assigurazzjoni u l-*premium* li tkun ser tircievi jiddependi hafna fuq ir-riskju li tkun ser tiehu.

Perezempju, fis-sentenza fl-ismijiet: ***Mambra Electronics Limited et vs Lloyds (Malta) Limited noe,* deciza nhar id-29 ta' April 2010,** gie ritenut illi:

'*kuntratt ta' assigurazzjoni huwa riskju ghal min johrog il-kopertura u kwindi, hu mistenni illi min jitlob assigurazzjoni jkun onest mas-socjetà tal-assigurazzjoni, u jaghtiha l-informazzjoni kollha materjali u rilevanti ghall-kaz u saret referenza ghal* ***Rozanes vs Bowen*** *deciza fis-sena 1928 mill-Qrati Inglizi, fejn gie osservat illi: "It has been for centuries in England the law in connection with insurance of all sorts, that as the underwriter knows nothing and the man who comes to him to ask him to insure knows everything, it is the duty of the assured,* ***the man who desires to have a policy****, to make a full disclosure to the underwriters, without being asked, of all the material circumstances ... That is expressed by saying that it is a contract of the utmost good faith".'*

Ghal hafna snin l-obbligu fil-kuntratt tal-assigurazzjoni gie interpretat b'mod li jitfa' hafna mill-piz fuq l-assigurat, u anke l-Qrati Inglizi hadu din il-linja. Izda maz-zmien din l-istampa bdiet tinbidel aktar ma kibret il-kuxjenza ghall-harsien tad-drittijiet tal-konsumatur. Beda jitqies li l-principju ta' *uberrimae fidei* jorbot liz-zewg partijiet.

Fil-gurisprudenza tal-Qrati Inglizi jidher ukoll li huwa accettat il-principju li l-obbligu ta' *uberrima fides* ma jorbotx biss lill-assikurat, izda anke lill-assikurazzjoni u, fil-fatt, fis-sentenza fl-ismijiet ***Drake Insurance p.l.c. vs Provident Insurance p.l.c.*** intqal illi:

'*[t]he doctrine of good faith should be capable of limiting the insurer's right to avoid in circumstances where that remedy ... would operate unfairly ... It may be*

*necessary to give wider effect to the doctrine of good faith and recognize that its impact may demand that ultimately regard must be had to a concept of proportionality implicit in fair dealing.'*

Dan il-principju huwa fil-fatt accettat ukoll mill-Qrati Maltin kif jidher mis-sentenza fl-ismijiet ***Gordon Borda vs Elmo Insurance Agency et*** **deciza** fil-25 ta' Mejju 2004 fejn intqal illi:

*'...il-principju ta' uberrima fides jorbot mhux biss lill-assikurat izda liz-zewg partijiet, u l-qorti tara illi fl-imgiba taghha s-socjetà konvenuta qieghda twaqqa' dan il-principju minn wiehed ta' bona fides ghal wiehed purament mekkaniku li l-assikuratur jinqeda bih biex jehles mill-obbligazzjonijiet tieghu taht il-polza.'*

Komplew isiru zviluppi f'dan il-qasam anke fil-ligi Ingliza li tradizzjonalment harisna lejha, u llum il-kuncetti ta' *disclosure* mill-assigurat u l-kuncett ta' '*utmost good faith*' hadu dimensjoni gdida, fejn zewg ligijiet ricenti hadu post il-*Marine Insurance Act tal-1906* li kienet tigi segwita ghall-oqsma kollha tal-assigurazzjoni anke jekk ma kellhom x'jaqsmu xejn mal-qasam ta' *marine insurance*. Dawn il-ligijiet huma *The Consumer Insurance (Disclosure and Representations) Act 2012* (CIDRA) and *The Insurance Act 2015.* L-ewwel Att jikkoncerna direttament lill-konsumatur filwaqt li l-*Insurance Act 2015* jittratta anke kuntratti ta' assikurazzjoni fejn l-assikurat m'huwiex il-konsumatur.

Bidla importanti li saret permezz tal-CIDRA 2012 kienet fis-sens li issa l-konsumatur meta jkun ser jiehu polza tal-assikurazzjoni m'ghadux obbligat li jiehu l-inizjattiva wahdu biex jaqdi l-obbligu ta' '*disclosure'* imma l-assigurazzjoni taghmel il-mistoqsijiet li l-assikurat irid iwegibhom bl-onestànkollha u ma jahbi xejn.

David Hertzell fil-kitba tieghu '***Reforms to UK insurance law: Overview of Key Changes'***, jghid hekk:

'*CIDRA follows the practice of the Financial Ombudsman Service (FOS) and abolishes the consumer's duty to volunteer information (often referred to as the duty of disclosure and fundamental to the Marine Insurance Act 1906). Instead, the insurer must ask appropriate questions and the consumer must answer them honestly and carefully. CIDRA imposes on the consumer a duty to take reasonable care not to make a misrepresentation. This also applies when a policy*

*is varied or renewed. The standard applied is objective, being that of the reasonable consumer taking into account all relevant circumstances (such as the type of insurance and how it was sold). The particular characteristics of the individual consumer are only relevant if the insurer knew, or ought to have known about them.'*

Ukoll il-CIDRA issostitwiet il-principju ta' *utmost good faith* ghall-principju ta' *good faith*. Dawn il-bidliet holqu aktar bilanc bejn id-drittijiet u l-obbligi tal-partijiet u sar aktar difficli ghall-kumpaniji tal-assikurazzjoni li jirrifjutaw *claims* ghal ragunijiet mhux daqstant sodi.

L-Arbitru jsostni li l-polza ghandha tigi invalidata biss f'kazi fejn l-istess polza specifikament tipprovdi ghal dan, u fejn hemm ragunijiet ohra serji, bhal atti frawdolenti min-naha tal-assikurat, u f'cirkostanzi serji ohra fejn l-assikurazzjoni tbati pregudizzju fid-drittijiet taghha.

*Il-kaz odjern*

L-Arbitru jinnota li kemm ir-risposta, kif ukoll in-nota ta' sottomissjonijiet tal-provditur tas-servizz, huma pjuttost generici fejn jidhol l-aspett legali. Filwaqt li ma jikkwota l-ebda klawsola partikolari tal-polza, jghid biss li irrifjuta l-*claim* ghaliex **wara** l-incident l-ilmentatur heba *'fatti sostanzjali u jew nuqqas ta' uberrima fides'*.

Però, ma jispjegax kif dan il-habi ta' fatti wassal ghan-nuqqas ta' osservanza tal-principju ta' *uberrima fides.* Anzi l-provditur tas-servizz jaghmel il-*'habi ta' fatti'* kwazi alternattivi ghall-*uberrima fides* ghax jghid '*u/jew'*.

L-Arbitru jaghmel distinzjoni netta bejn in-nuqqas ta' taghrif **qabel il-kuntratt**, fejn il-maggoranza assoluta tal-gurisprudenza lokali tirreferi ghaliha u tqis li l-habi ta' fatti materjali jista' jwassal ghall-invalidar tal-polza, u t-taghrif l-iehor mill-assikuratur meta jaghmel il-*claim*. Fit-tieni istanza, dan it-taghrif huwa importanti mhux biex l-assikuratur ikun jaf jekk jihux ir-riskju jew xi *premium* jitlob ghaliex il-kuntratt tal-assikurazzjoni ikun digà sar, izda biex jifhem jekk ir-riskju kienx wiehed assikurat u kemm hu l-kwantum tad-danni; u jekk bl-imgiba tieghu wara l-incident, l-assikurat ziedx inutilment id-danni li trid thallas ghalihom l-assikurazzjoni.

Mhux kull nuqqas ta' taghrif jew taghrif zbaljat ghandu jwassal ghall-invalidar tal-polza imma t-taghrif irid ikun wiehed frawdolenti.

*Taghrif frawdolenti*

Ghalhekk l-istorja tkun differenti jekk l-assikurat jaghti taghrif biex iqarraq jew biex jiffroda lill-assikuratur billi jaghmel *claim* frawdolenti jew jaghti fatti zbaljati biex jinganna lill-assikurazzjoni.

Fil-kamp civili dejjem gie ritenut li ***fraus omnia corrumpit,***[21] u fejn hemm l-element ta' frodi, il-kuntratt jista' jigi invalidat.

Fil-qasam tal-assikurazzjoni, *John Birds f'**Bird's Modern Insurance Law,***[22] jispjega l-frodi min-naha tal-assikurat b'dan il-mod:

'*Clearly a claim is fraudulent if it can be shown that the insured intended to defraud the insurer by for example, maliciously damaged insured property, or put forward false evidence when in fact there was no loss. It is also fraudulent if an otherwise honest claim is supported by fraudulent devise namely:*

*any lie, directly related to the claim…which is intended to improve the insured's prospect of obtaining settlement or winning the case and which would, if believed, tend, objectively…to yield not an insignificant improvement in the insured's prospects.'*[23]

Anke l-polza odjerna fiha klawsola dwar dan.

Fil-fatt, f'pagna 49[24] taht *FRAUD* insibu:

*'If any claim is in any way fraudulent or if you or anyone acting on your behalf has used any fraudulent means or devices, including but not limited to inflating or exaggerating the claim or submitting forged or falsified documents, all benefit unfer the policy shall be forfeited.'*

Il-provditur tas-servizz mhu qed jallega l-ebda att frawdolenti min-naha tal-ilmentatur izda jghid li l-fatt li l-ilmentatur qed jghid li l-karozza instaqet meta,

[21] *Fraud corrupts all*
[22] (Sweet and Maxwell, 2016), p. 295
[23] *Agapitos vs Agnew*
[24] *A Fol.* 173

fil-fatt, ma setghetx tinstaq, dan ghandu jinvalida l-polza u l-assikuratrici ma thallasx tad-danni sofferti mill-ilmentatur.

L-Arbitru jqis li l-provditur tas-servizz agixxa b'mod ftit azzardat f'dan ir-rigward ghal dawn ir-ragunijiet, fosthom:

1. Il-provditur tas-servizz ma jindika l-ebda klawsola tal-polza li taghtih id-dritt li jinvalida l-polza. Anzi, l-pagni 1 u 2 li jsemmi b'mod generiku m'humiex limitazzjonijiet fil-polza imma huma aktar forma ta' *guidelines.* Dan meta jitqies li l-limitazzjonijiet tal-polza huma ferm precizati fil-kumplament tal-polza fejn hemm kazi specifici fejn jissemmew il-*conditions precedent* fil-polza li jaghtu lok ghall-invalidar tal-istess. Imma m'hemm xejn f'dan ir-rigward fl-ewwel zewg pagni tal-polza kif ikkwotati mill-provditur tas-servizz.

2. Il-provditur tas-servizz mhux jallega li l-allegat habi wassal ghal *claim* frawdolenti. Lanqas kieku saret din l-allegazzjoni ma tista' tigi ippruvata ghaliex, kif gie spjegat aktar 'il fuq f'din id-decizjoni, biex att ikun frawdolenti fil-qasam tal-assikurazzjoni, it-tahgrif wara l-incident irid ikun tali li jwassal biex l-assikurat japprofitta ruhu billi jsemmi fatti inveritieri biex jikkwalifkawh ghall-indennizz jew biex izid l-ammont tal-*claim*. Fil-kaz in ezami, il-habta kienet dik li hi u d-danni kienu digà ikkawzati meta saret il-*claim* mal-assikurazzjoni. Id-danni gew stabbiliti kemm min-nies mekkanici li qabbad l-ilmentatur kif ukoll mis-*surveyors* tal-assikurazzjoni.

   Jekk il-karozza instaqitx jew jekk gietx ittowjata ma bidel xejn fil-gravità tal-hsara u tad-danni. Anzi, jekk il-karozza verament ma nstaqitx, kif qed jallega l-provditur tas-servizz imma giet ittowjata, dan ifisser li sarilha anqas hsara fit-tragitt bejn il-Marsa saz-Zurrieq. Imma, anke dan l-argument m'ghandux siwi kbir ghaliex il-karozza giet iddikjarata ***total loss*** mis-*surveyors* tal-provditur tas-servizz u, ghalhekk, il-mod kif il-karozza waslet mill-Marsa ghaz-Zurrieq ma ppregudika bl-ebda mod lill-provditur tas-servizz. Anzi, kieku verament il-karozza kellha tigi ittowjata flok li tinstaq, il-provditur tas-servizz seta' jigi mitlub li jhallas tat-*tow truck* u ta' *taxi* biex twassal lid-*driver,* kif hemm provdut f'Section 1 tal-polza taht it-

titolu *Removal and Protection*[25] u, allura, l-ispiza tieghu kienet tizdied u mhux tonqos.

Irid jinghad ukoll li l-verzjoni ta' kif waslet il-karozza mill-Marsa ghaz-Zurrieq irrakkontaha d-*driver* u l-assikurat qaghad biss fuq il-verzjoni tad-*driver* ghaliex hu ma kienx prezenti waqt il-habta; u anke kieku, ghas-sahha tal-argument, id-*driver* ma qalx il-verità, l-assikurat m'ghandux jigi penalizzat ghal xi haga li ma setax ikun jaf dwarha. Dwar il-fatti ta' kif waslet il-karozza, l-assikurat hu fl-istess sitwazzjoni tal-provditur tas-servizz ghax ried jistrieh mhux fuq dak li jaf hu, izda fuq dak li qallu haddiehor, u fuq dan ma kellu l-ebda kontroll.

3. Hemm fattur iehor li l-Arbitru jaghtih importanza. L-ilmentatur xehed li l-provditur tas-servizz kien ghamillu offerta li jhallsu €6,500 tal-valur tal-karozza u stmaha r-*wreck* tal-karozza ghall-ammont ta' €1,500 flok €1,800. L-ilmentatur m'accettax dan u ried li ma jiehux ir-*wreck* u jinghata s-somma ta' €8,000. Dan b'xi mod huwa kkonfermat minn Colin Cassar ghall-assigurazzjoni fejn jghid, però, li din l-offerta dejjem issir bhala '*protocol*' anke jekk, imbaghad, ma tigix onorata l-*claim*.

   L-Arbitru jqis li l-verzjoni tal-ilmentatur f'dan ir-rigward hija aktar verosimili. Din il-fehma tal-Arbitru tissahhah ukoll b'dak li jissottometti l-provditur tas-servizz fin-nota ta' sottomissjoniet tieghu fejn jghid li jekk l-Arbitru jqis li l-*claim* hija valida, il-provditur tas-servizz ihallas is-somma ta' €6,200 ghaliex ir-*wreck* huwa stmat ghal €1,800. Dan huwa in linea ma' dak li xehed l-ilmentatur dwar l-offerta li saritlu mill-provditur tas-servizz biex izomm ir-*wreck*.

Dan ukoll iwassal lill-Arbitru ghall-fehma li l-provditur tas-servizz irrifjuta l-*claim* wara li l-assikurat irrifjuta li jzomm ir-*wreck* u ried is-somma ta' kemm tiswa l-karozza, (jigifieri s-somma ta' €8,000), u mhux ghaliex kien hemm bazi soda fuq xiex jirrifjuta l-*claim.*

[25] *A Fol.* 137

**Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet kollha moghtija aktar 'il fuq f'din id-decizjoni, l-Arbitru jqis l-ilment bhala wiehed gust, ekwu u ragonevoli u qed jilqghu sakemm huwa kompatibbli ma' din id-decizjoni.**

KUMPENS

Il-partijiet m'ghandhom l-ebda kontroversja dwar kemm tiswa l-karozza in kwsitjoni. Fil-fatt, fin-nota ta' sottomissjonijiet tieghu, il-provditur tas-servizz jghid li '*jigi rilevat illi s-socjetà esponenti ma hijiex tikkontesta l-ammont mitlub ta' €8,000'*,[26] izda kellu jitnaqqas l-ammont tar-*wreck* ghall-valur ta' €1,800.

Kif digà ntqal, il-kwistjoni kollha jidher li nqalghet ghaliex l-ilmentatur ma riedx izomm ir-*wreck* u ried il-valur shih.

Huwa principju ta' dritt stabbilit li f'kaz ta' kuntratt ta' assikurazzjoni, ir-rimedju li jinghata l-assikurat hu li jitpogga fis-sitwazzjoni li kien fiha qabel l-akkadut u, cioè, l-principju ta' *restitutio in integrum*'.

Fis-sentenza moghtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fl-ismijiet ***Elmo Insurance Ltd vs Citadel Insurance p.l.c. et* tal-15 ta' Gunju 2017,** il-Qorti qalet hekk:

*'Kif kellha okkazjoni tosserva din l-istess Qorti, kif preseduta, fis-sentenza taghha tal-11 ta' Lulju, 2016, fil-kawza fl-ismijiet Citadel Insurance p.l.c. et v. Raymond Calleja: "Bhala principju kull persuna ghandha tingieb fl-istess pozizzjoni li kienet qabel ma ssubiet id-dannu".'*

Fis-sentenza fl-ismijiet ***Francis Chetcuti vs Citadel Insurance p.l.c.,***[27] l-Onorabbli Qorti tal-Appell iddikjarat illi:-

'*Illi kif digà inghad, l-assigurazzjoni permezz ta' Motor Policy hija wahda ta' indennizz, u mhux ta' lukru, u kwindi hija bbazata fuq il-principju ta' restitutio in integrum ossia illi d-danneggjat jigi indennizzat totalment b'mod illi jigi ripristinat fl-istatus quo ante s-sinistru li kkaguna d-danni. Dan ifisser illi kumpanija tal-assigurazzjoni hija obbligata taghmel tajjeb biss ghal dawk id-danni realment sofferti ossia, li r-rizarciment ghandu jekwivali ghall-valur reali tat-telf – la aktar u lanqas inqas'.*

[26] *A Fol.* 201
[27] QA Inf, 15 ta' Frar 2006

Sabiex verament l-assikurat jitpogga fil-pozizzjoni finanzjarja tieghu ta' qabel l-akkadut, ma jistax jigi obbligat li jiehu bilfors ir-*wreck,* jew kif jissejjah ukoll '*is-salvage*', tal-karozza. Hija prattika kostanti anki f'gurisdizzjonijiet ohra, fosthom, f'diversi stati Amerikani li l-ghazla tinghata lill-assikurat jekk jiehux is-*salvage* tal-karozza jew le ghaliex, normalent, dawn il-karozzi li jigu ddikjarati *'total loss'* jinbieghu fi *scrapyards* u r-rikavat jittiehed mill-kumpanija assikuratrici. Japplika l-principju tal-***'made whole' doctrine*** li jekwipara ruhu mal-kuncett ta' *restitutio in integrum* fis-sistema taghna.

F'dan il-kuntest, l-Arbitru jaghmel ukoll referenza ghas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell (Inf) fl-ismijiet ***Elvin Agius vs Citadel Insurance p.l.c.*** **deciza 5 ta' Ottubru 2018,** fejn il-Qorti qalet:

*'Hu ovvju li l-vettura, li tista' titqies bhala wreck, tittiehed mill-konvenuta. Inoltre, mit-talba fl-avviz li bih inbdew il-proceduri quddiem it-Tribunal tal-Arbitragg hu evidenti li l-appellat ma kienx interessat li jzomm iktar il-vettura. Tant hu hekk li talab li jithallas is-somma ta' €4,500 li hu l-valur li ghalih kienet assigurata l-vettura …'*

Il-Qorti ddecidiet hekk ghaliex gie sottomess mill-kumpanija assikuratrici li l-assikurat ma kienx talab b'mod specifiku quddiem it-Tribunal tal-Arbitragg li l-kumpanija assikuratrici ghandha zzomm ir-*wreck*.

Minn dak li ddecidiet il-Qorti tal-Appell jirrizulta b'mod car li hija l-ghazla tal-assikurat jekk izommx ir-*wreck* jew le.

U, f'dan il-kuntest, l-Arbitru jzid li biex verament isehh il-principju tar-***restitutio in integrum*** ma jistax ikun mod iehor ghaliex l-assikurat ghandu jinghata l-valur tal-karozza shih u mhux imnaqqas mill-assikurazzjoni ghax tobbligah li jzomm ir-*wreck* bhalma gara fil-kaz odjern.

L-Arbitru li jrid jiddeciedi fuq il-bazi ta' **gustizzja, ekwità u ragonevolezza,** jara li jkun aktar ekwu, gust u ragonevoli li r-*wreck* tittiehed mill-assikurazzjoni ghaliex:

1. Galadarba l-karozza giet iddikjarata mill-kumpanija assikuratrici stess bhala *total loss* (*beyond economic repair*), ir-*wreck* ma jista' jkollha l-ebda siwi ghall-assikurat;

2. Il-kumpanija asskikuratrici qieghda f'pozizzjoni ahjar li tbiegh *ir-wreck* lil xi *scrap yard* jew xi garaxx ghall-i*spare parts* ghaliex fix-xoghol taghha, fejn tkun involuta f'hafna *claims* ghal kollizzjonijiet ta' karozzi, ghandha aktar kuntatti mill-ilmentatur biex jingieb prezz tajjeb ghar-*wreck*;

3. Jekk l-assikurat jigi obbligat li jzomm ir-*wreck*, li ghalih hemm cans kbir li tkun bla valur, allura, ma jkunx realment qed jitpogga fis-sitwazzjoni li kien fiha qabel u ma jsehhx il-principju tar-*restitutio in integrum*.

4. Il-kumpanija assikuratrici ghandha l-obbligu li tindennizza lill-assikurat b'mod shih, u fl-ipprocessar ta' *claim*, l-assikurazzjoni ghandha l-obbligu li tagixxi b'mod gust biex jintlahaq l-iskop li ghalih l-assikurat ikun inxurja l-karozza tieghu, l-aktar, meta bhal fil-kaz tal-ilmentatur, ikun ha '*comprehensive insurance*' fejn il-*premium* ikun akbar sabiex jigu koperti riskji akbar.

Barra minn hekk, f'dan il-kaz, bhala fatt, il-kumpanija assikuratrici fil-bidu accettat li zzomm il-vettura hi tant li zammet il-*logbook* u l-i*spare key* li ghadhom ghandha sal-lum.[28]

Kien wara li biddlet fehmitha u nsistiet li l-assikurat izomm ir-*wreck*. Ghalhekk, ir-*wreck* ghandha tinzamm mill-kumpanija assikuratrici.

Il-partijiet jaqblu li l-valur shih tal-karozza in kwistjoni huwa ta' €8,000.

**Ghaldaqstant, *ai termini* tal-Artikolu 26(3)(c)(iv) tal-Kap. 555 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Arbitru qed jordna lil *GasanMamo Insurance Limited* thallas lill-ilmentatur is-somma ta' €8,000 u zzomm ir-*wreck* tal-karozza.**

**Bl-imghax legali mid-data ta' din id-decizjoni sad-data tal-hlas effettiv.**

**Bl-ispejjez ta' din il-procedura ghall-provditur tas-servizz.**

**Dr Reno Borg**
**Arbitru ghas- Servizzi Finanzjarji**

[28] Ara x-xhieda ta' Colin Cassar *a Fol.* 118